**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Sunny Camilleri**
**Alexander Debrincat**
**Derek Francis Xuereb**

Kaz Numru: 440/2016

Illum 29 ta' Settembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Sunny Camilleri** iben Carmel u Maria nee' Bonello, imwieled fit-8 ta' Novembru 1987, residenti fil-fond numru 20, Triq id-Duluri, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 42087(G), **Alexander Debrincat**, iben Joseph u Elizabeth nee' Agius, imwieled fil-15 ta' Marzu 1994, residenti fil-fond numru 129, Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex u detentur tal-karta tal-

identita' bin-numru 16794(G) u **Derek Francis Xuereb**, iben Frank u Carmen nee' Buhagiar, imwieled fit-30 ta' Marzu 1987, residenti 15, Triq Ghar Qawqla, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3906969M), akkuzati talli;

Nhar is-16 ta' April 2016 f'xi hin bejn 09.00a.m. u 11.30a.m. fl-inhawi maghrufa bhala tal-Ghadira ta' San Raflu, limiti Kercem, Ghawdex jew fil-vicinanzi,

1. waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art, ikkaccjaw jew ppruvaw jikkaccjaw xi ghasfur, jew garrew munizzjon ghat-tehid tal-kacca jew arma tan-nar barra mill-ghata taghha u dan bi ksur ta' regolamenti 15 u 18 (1) (a) tal-L.S.549.42;

2. U nakkuza lil Derek Francis Xuereb wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw jew ghenu, hajru, taw pariri jew flus lil haddiehor biex jikser xi dispozizzjonijiet jew biex jikser xi restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew htiega imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' dawk maghmula taht regolamenti dan bi ksur ta' regolament 27 (1) (d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. Lil Sunny Camilleri u Alexander Debrincat wahedhom talli nhar is-16 ta' April 2016 u fix-xhur ta' qabel naqsu milli jzommu arma tan-nar u munizzjon barra minn dak il-fond fejn kienu msemmija fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. ( Kap 480 Art 5 (3) (a));

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta jew ta' Ghawdex, liema sentenzi saru difinittivi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet lill-imputat Sunny Camilleri jammetti l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Ghal darba ohra l-Qorti tenfasizza li mhix se tittollera min lanqas jirrispetta l-koncessjoni li qieghda tinghata biex ikun hemm stagun limitat ta' kacca. Dan il-kaz gara gurnata qabel fetah l-istagun fl-inhawi tal-Ghadira ta' San Raflu, limiti Kercem, Ghawdex, liema illegalita' xehed dwarha r-rapprezentant tal-Bird Life Mark Sultana.

Il-Qorti tfahhar l-impenn tal-ghaqdiet mhux governattivi f'dan il-kaz il-Bird Life ghall-impenn taghhom biex jghallmu t-tfal fl-iskejjel minn ckunithom biex jirrispettaw il-hlejjaq u jammiraw in-natura.

Il-Qorti tfahhar ukoll l-impenn tal-istess ghaqda illi jkun hemm koperazzjoni kemm jista' jkun biex ghalkemm ma jaqblux fil-principju dwar kacca u nsib jaraw li meta jkun hemm koncessjoni u jkun permess l-insib u l-kacca dan isehh fil-parametri tal-ligi.

Il-Pulizija ghandha tibqa' tikkopera u tghin biex min jikser il-ligi jitressaq quddiem il-Qrati ha jwiegeb ghal ghemilu.

Il-Qorti tinnota u tapprezza wkoll d-dikjarazzjoni tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) talli mhux jippermettu li membri taghhom jiksru l-ligi u jsibu xi protezzjoni minnhom anzi qeghdin iheggu lill-membri taghhom li meta jaraw min qieghed jikser il-ligi jirraporta lill-Pulizija.

DECIDE:

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li minhabba kunflitt u nuqqas ta' provi tillibera lill-imputati Alexander Debrincat u lil Derek Francis Xuereb mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dan wara li rat Artikoli 637 u 638 tal-Kap 9.

Wara li rat l-Artikoli indikati cioe 5(3)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 15 u 18(1)(a) tal-Legizzlazzjoni Sussidjarja 549.42 u Regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, filwaqt li fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat Sunny Camilleri hati tar-raba' (4) imputazzjoni peress li din ma tirrizultax, fuq ammissjoni ssibu hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf Euro (€1000.00);

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca tal-imputat Sunny Camilleri ghal zmien sentejn mil-lum.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-senter tal-imputat Sunny Camilleri.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**